MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2007

Numru. 394/2007

**Il-Pulizija
(Supretendent Mario Bonello)**

**vs**

**Carmel Azzopardi bin Paul u Mary nee' Agius, imwieled fit-23 ta' Frar, 1951 u residenti Flat 2, Blk 1B, Triq ir-Rabat, Xlendi, l/o Munxar, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 186651(M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Carmel Azopardi li gie akkuzat talli nhar it-18 ta' April, 2007, ghal habta ta' 10:30 hrs waqt li kien fl-inhawi ta' "l-Gholja ta' Ghammar" limiti tal-Ghasri, Ghawdex u liema zona skond l-A.L. 79/2006 skeda V numru 22 hi mnizzla bhala Santwarju ta' l-Ghasafar:

1) Ikkaccja, wegga’, ha jewipprova jikkaccja, iwegga’ jew jiehu xi ghasfur f’Santwarju tal-Ghasafar
2) Kellu fil-pussess jew fil-kontroll tieghu xi arma tan-nar Browning Nru. 30575 u munizzjon jew kull mezz iehor ghal kacca jew ghat-tehid ta’ xi ghasfur fl-imsemmi Santwarju tal-Ghasafar.

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat l-artikoli indikati u cioe’ 24(a) (c) L.N. 79/2006;

Billi mill-provi jirrizulta illi l-imputat kien jinstab gewwa s-Santwarju ta’ l-Ghasafar ta’ Ghammar ghalkemm jidher illi qabez hemm gew bi zball, izda kellu l-arma tan-nar mikxufa, u ghalhekk ma jirrizultax illi effettivament kien qieghed jikkaccja hemm gew;

L-ewwel (1) akkuza ma tirrizultax u tilliberah minnha;

It-tieni (2) akkuza tirrizulta ppruvata u tikkundannah multa ta’ mitt Lira Maltin (Lm100) u tordna s-sospensjoni tal-licenzja ghal zmien sena mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------